VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,569, 6 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 149 tal-2016

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU
(KAP. 371)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Organizzazzjoni mill-Ġdid u Stralċ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(1) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Ministru għall-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Organizzazzjoni mill-Ġdid u Stralċ), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Organizzazzjoni mill-ġdid u Stralċ), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 371.12.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (7); u

(b) minnufih wara s-subregolament (5) tiegħu, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Meta istituzzjoni ta' kreditu jew tkun qegħda tiġi riżolta jew meta jkunu ġew stabbiliti mill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni li għandhom jitħarsu, m'għandhomx jinbdew proċedimenti normali ta' falliment ħlief bl-inizjattiva tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni, u d-deċiżjoni li tqiegħed istituzzjoni ta' kreditu fi proċedimenti normali ta' falliment għandha tittieħed biss bil-kunsens tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni kif hemm previst fir-regolament 86 tar-Regolamenti dwar Irkupru u Riżoluzzjoni magħmula taħt l-Att dwar Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.".

L.S. 330.09
Kap. 330.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "krediturі magħrufa", għandha

VERŻJONI ELETTRONIKA

tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat ta' Riżoluzzjoni" tfisser il-kumitat appuntat taħt l-artikolu 7B tal-Att dwar Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;"; u

Kap. 330.

(b) minnufih wara t-tifsira "miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "proċeduri normali ta' falliment" tfisser proċeduri ta' falliment kollettivi li jinvolvu l-iżvestiment parzjali jew totali ta' debitur u l-ħatra ta' likwidatur jew ta' amministratur li normalment japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu taħt il-liġi Maltija u li jew ikunu speċifiċi għal dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew ikunu ġeneralment japplikaw għal kull persuna fiżika jew ġuridika;".

Jissostitwixxi r-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej::

"Istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej jew fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej li jkunu jinsabu f'Malta.

37. (1) Mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, il-Qorti ma tistax, fir-rigward ta' xi istituzzjoni ta' kreditu Ewropea jew xi fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea -

(a) toħroġ ordni ta' stralċ konformement mal-artikolu 224 tal-Att dwar il-Kumpanniji; jew

Kap. 386.

(b) tadotta miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid jew twettaq xi att anċillari għall-adozzjoni ta' dawk il-miżuri kif hemm fit-Taqsima VI tal-Att dwar il-Kumpanniji.

Kap. 386.

(2) Is-subregolament (1)(a) ma jżommx -

(a) lill-Qorti milli toħroġ ordni ta' stralċ wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea jew ta' xi fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea jekk -

(i) ikun ġie maħtur amministratur provviżorju fir-rigward tal-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea jew xi fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropew qabel d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) dik il-ħatra tkompli fis-seħħ sa minnufih qabel ma tinħareġ dik l-ordni ta' stralċ;

(b) milli jsir l-istralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea jew ta' xi fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti konformement ma' xi ordni ta' stralċ li tkun inħarġet, u li ma tkunx ġiet eżegwita, qabel dik id-data.

(3) Is-subregolament (1)(b) ma jżommx lil amministratur provviżorju ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea maħtur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, milli jaġixxi fir-rigward ta' dik l-istituzzjoni wara dik id-data.".